MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 413/2004

Kawza fil-lista: 12

**A mart B C D**
**Vs**
**Dr.Mark Busuttil u l-PL. Liliana Buhagiar nominati b' digriet tas-17 ta' Jannar 2005 bhala kuraturi deputati biex jidhru ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefer B C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili nhar it-2 ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn mehmuz markat Dok A;

Peress illi l-attrici hija ta’ nazzjonalita maltija filwaqt li l-konvenut huwa ta’ nazzjonalita’ Nigerjana;

U peress illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni ta’ xejn u difatti kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal ftit tax-xhur biss;

Peress illi meta l-attrici kienet saret taf lill-konvenut l-ewwel darba, huwa kien ilu hawn malta ghal ftit taz-zmien;

U peress illi tul iz-zmien kemm kien ilu hawn Malta sa dawk il-ftit xhur li kienu qed johorgu ma xulxin, il-konvenut ma kienx qed jahdem hawn Malta u difatti kien qed isib diffikulta li jsib xoghol regolari permanenti peress li kien barrani;

U peress illi ghalhekk ghal din ir-raguni, l-kontendenti kienu waslu fi ftehim bejniethom li jinghaqdu fiz-zwieg, ghal mument bir-rit civili biss sabiex il-konvenut jigi facilitat aktar biex isib xoghol regolari hawn Malta minghajr ebda xkiel; difatti l-intenzjoni taghhom kienet li jekk ir-relazzjoni tibqa’ sejra tajba, kienu sejrin jiccelebraw iz-zwieg taghhom bir-rit religjuz skond it-twemmin taghhom it-tnejn cioe dak tal-Knisja ta’ Pentecost;

Illi difatti meta l-kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-sena 2002, it-tnejn li huma baqghu jirrisjedu fid-djar taghhom rispettivi u separati minn ma xulxin, tant li mid-data taz-zwieg l’hawn l-attrici qatt ma kienet toqghod taht l-istess saqaf ma’ zewgha;

Illi minhabba dan l-arrangament ta’ bejniethom il-kontendenti u partikolarment l-attrici qatt ma kkunsidraw lilhom infushom bhala koppja mizzewga u dana peress li ghalihom il-veru zwieg kellu jsehh hekk kif jinghaqdu bir-rit religjuz. Illi minhabba f’hekk difatti kien ghad m’hemmx ebda diskors serju bejniethom dwar pjanijiet futuri bhala koppja mizzewga u cioe bhal diskors rigwardanti residenza komuni, assistenza reciproka, pjan ghall-ulied u pjanijiet ohra simili;

Illi l-unika akkordju ta' bejniethom kien fis-sens li hekk kif il-konvenut jigi finanzjarjament stabbli kellhom jibdew jahsbu biex jinghaqdu fiz-zwieg bir-rit religjuz u l-pjanijiet ta' koppja mizzewga kellhom jigu diskussi minn dak in-nhar 'l hinn u mhux qabel;

U peress illi minn dan kollu ma sehh xejn peress illi ftit aktar minn sena wara li zzewgu bir-rit civili, il-konvenut telaq lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika biex isib xoghol bl-intesa li l-attrici kellha ssegwieh ftit wara hekk kif it-talba taghha biex tahdem hemm bhala "mid-wife" tigi accattata;

U peress illi l-attrici baqghet qatt ma giet accettata li tmur tahdem l-Amerika u spiccat biex ma segwietx lill-konvenut f'dak il-pajjiz;

U peress illi nonostante li l-konvenut baqa ma sabx xoghol permanenti l-Amerika huwa baqa hemmhekk u ma rritornax lura hawn Malta;

U peress illi jidher li l-istess konvenut ma ghandu ebda interess li jigi lura hawn Malta;

U peress illi ghalhekk fil-mument meta gie kkontrattat iz-zwieg iz-zewg kontendenti ma kienux konsapevoli ghalxiex kienu dehlin u fil-fatt ebda wiehed minnhom ma ha konsiderazzjoni tassew dwar id-drittijiet u l-obbligi reciproci taghhom li ggib maghha tali rabta;

U peress illi mill-bidu nett taz-zwieg il-kontendenti qatt ma kellhom l-intenzjoni serja u veritjiera li huma kienu fil-fatt u fid-dritt qed jinghaqdu fi stat ta' zwieg;

U peress illi ghalhekk il-kunsens taz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat stante li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi inoltre l-istess kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien ivvizjat stante li fil-mument taz-zwieg ma kellhomx setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' April 2002 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Ighid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-2 ta' April 2002 huwa null u bla ebda effet legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward inkluz dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi D.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma m' humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi il-partijiet kkuntrattaw bejniethom zwieg civili fit-2 ta' April 2002. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Inoltre, filwaqt li l-attrici hija ta' nazzjonalita' maltija, il-konvenut huwa ta' nazzjonalita' nigerjana.

Mill-provi jirrizulta li l-uniku skop li ghalih kien gie kkuntratt dan iz-zwieg civili kien sabiex il-konvenut biz-zwieg mal-attrici, mara maltija, jkun fil-posizzjoni li jikseb xoghol. Di fatti l-attrici, kemm fl-affidavit kif ukoll fix-xhieda taghha sostnuta mill-affidavit ta' ommha, tghid li bejniethom kien hemm ftehim li ma jsirx iz-zwieg bir-rit religjuz qabel ma' l-konvenut jsib ix-xoghol u li, sakemm sir dan, huma ma jghixu flimkien. Di fatti l-attrici tghid li ghalkemm huma civilment kienu mizzewgin, huma qatt ma ghixu flimkien u lanqas ghamlu l-att konjugali. Hija baqghet tghix fid-dar tal-genituri taghha, u l-konvenut kien jghix go appartament Bugibba li hu kera bil-flus ta' l-attrici.

L-attrici tkompli tghid li wara ftit xhur li kienu zzewgu, peress li l-konvenut kien ghadu bla xoghol, huwa kien siefer l-Amerika bl-intiza li jsib ix-xoghol u mbaghad issegwih l-attrici. Izda ghalkemm l-attrici kienet tibghatlu somma ta' flus kwazi kull xahar sabiex tghinu, dana xorta wahda ma sabx xoghol, u inoltre t-talba taghha biex tahdem go l-America bhala mid wife baqghet ma gietx accettata.

L-attrici tghid li nonostante li dina ma setghetx tmur tghix l-America, u nonostante d-diversi talbiet maghmula minnha lill-konvenut sabiex dan jirritorna Malta, dana baqa' ma rritornax.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-attrici qed tibbaza l-azzjoni odjerna fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [d] [f] u [h] tas-sub inciz [1] tal-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

Illi mill-kwadru premess ghandu jirrizulta car li f' dan il-kaz la tirrizulta l-kawzali kontemplata fil-paragrafu [d] u lanqas

dik kontemplata fil-paragrafu [h]. Mill-provi jirrizulta mhux biss li l-partijiet ma kellhomx difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew li ma kellhomx is-seghat intelletwali jew volittivi biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg; izda dawna addirittura eskludew internament iz-zwieg innifsu meta ftehmu li jizzewgu bl-iskop uniku li l-konvenut ikun jista' jsib xoghol f' Malta, u ftehmu li ma jikkoabitawx flimkien u ma jaghmlux l-att konjugali flimkien, qabel ma eventwalment jizzewgu bir-rit tar-religjon imhaddna minnhom cioe' tal-Knisja ta' Pentecoste.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Fil-kaz odjern irrizulta manifest li z-zwieg civili kien montatura fis-sens li, ghalkemm esternament dawn deheru li taw il-kunsens taghhom, internament dan il-kunsens gie eskluz bl-att posittiv tal-volonta' taghhom rizultat tal-ftehim bejniethom li ma jghixux il-hajja matrimonjali qabel ma jigi celebrat iz-zwieg bir-rit religjuz, liema zwieg baqa' ma sehhx. F' dan il-kaz, il-finis operis taz-zwieg kien gie volontarjament u effettivament eskluz mill-vera rieda tal-partijiet, ghalkemm kienet sehhet ic-cerimonja.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici treggi in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 19[1][f] tal-Att dwar iz-Zwieg, stante simulazzjoni totali da parti taz-zewg partijiet. Ghaldaqstant it-talba attrici ghall-annullament

taz-zwieg de quo hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, kif ghandha tigi wkoll milqugha t-talba konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejn il-konjugi.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett legali iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' April 2002, u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, izda provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------